MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2013

Avviz Numru. 332/2012

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali 2347/12**
**datata 10 ta’ Settembru 2012 fl-ismijiet:**

**Id-Direttur Generali (Dwana)**

**vs**

**Golden Harvest Manufacturing Company Limited**
**C176**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ Golden Harvest Manufacturing Company Limited ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-3 ta’ Ottubru 2012 fejn ippremettiet is-segwenti:

“*Illi s-socjeta esponenti giet notifikata bl-ittra ufficcjali numru 2347/12 fl-ismijiet Direttur Generali (Dwana) kontra Golden Harvest Manufacturing Company Limited C 176.*

*Illi s-socjeta esponenti qed tintavola dan ir-rikors ai termini tal-artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta sabiex topponi t-talba tad-Direttur Generali (Dwana) u dan ghar-ragunijiet segwenti:-*

*Illi preliminarjament s-socjeta esponenti tirrileva li l-azzjoni tad-Direttur Generali (Dwana) hija intempestiva u dana stante li hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(g) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni tad-Direttur Generali (Dwana) hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex kif ser jirrizulta ahjar waqt is-smiegh ta' dan ir-rikors dak mitlub fl-ittra ufficcjali 2347/12 mhuwiex dovut u dan ghaliex l-ammont ta' dazju fuq il-bread dough fat mhuwiex dak kontemplat fl-ittra ufficcjali tad-Direttur intimat izda percentwali differenti skont Taric Code 15119900 liema kodici tikkalkola rata ta' dazju differenti ghal dak mitlub mid-Direttur intimat u cioe' rata ta' 3.10%.*

*Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dan ir-rikors effettivament l-ammont ta' dazju korretta fuq il-bread dough fat in kwistjoni thalset skont it-Taric Code giusta u mhux dik mitluba mid-Direttur intimat.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost is-socjeta' esponenti filwaqt li tirriserva kull dritt spettanti lilha sabiex tecepixxi kull eccezzjoni ulterjuri li jista' jkollha, titlob lil din il-Qorti:*

*1. Tiddikjara u tordna li t-talba tad-Direttur Generali (Dwana) kif mitluba fl-ittra tieghu 2347/12 hija infondata fil-fatt u fid-dritt.*
*2. Tordna lid-Direttur Generali (Dwana) sabiex jiddesisti milli jipprocedi bil-mandati ezekuttivi kontra s-socjeta' esponenti.*

*Bl-ispejjez kontra id-Direttur Generali (Dwana) li minn issa huwa ingunt in subizzjoni."*

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Ottubru 2012 fejn ordnat notifika tar-rikors lill-kontroparti u in segwitu l-appuntament ta l-istess ghas-smiegh.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Dwana) pprezentata nhar il-25 ta' Ottubru 2012 fejn eccepixxa:

*1. "Illi in linea preliminari, l-azzjoni ta' l-esponent mhix preskritta stante li saret ai termini ta' l-Artikolu 11 tal-Kap 337 li jirrigwardja verifiki ta' dikjarazzjoni hekk imsejha post clearance u entro t-terminu kif stipulat fl-Artikolu 4(5) u 12A(b) tal-Kap 337.*

*2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talbiet kif dedotti fir-rikors huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:*

*a. Illi l-fatti tal-kaz jikkoncernaw importazzjoni ta' Bread Dough Fat mill-kumpanija intimata permezz tad-dikjarazzjoni li l-istess kumpanija ghamlet mad-dwana permezz tad-dokument li jgib in-numru ta' referenza TDID 2006600391157, flimkien ma' diversi supporting documents ohra kif titlob tali dikjarazzjoni ta' importazzjoni. Illi fost dawn is-supporting documents kien hemm ukoll dokument maghruf bhala Certificate of Origin li jgib in-numru ta' referenza 003/896/2006. Dan ic-certifikat fost affarijiet ohra jindika l-pajjiz tal-origini tal-merkanzija deskritta fih, kif ukoll jintitola lill-importatur ta' dik il-merkanzija ghal rati preferenzjali ta' dazju meta din tasal biex tidhol f'Malta. Illi biex dan ic-certifikat ikun validu u jigi accettat mid-Dwana ai fini ta' hlas ta' rata ta' dazju preferenzjali, ic-certifikat irid ikollu d-dikjarazzjoni apposta* ***iffirmata*** *mill-esportatur u mill-awtoritajiet kompetenti, li tikkonferma li l-informazzjoni dwar l-oggetti indikati fuq dan ic-certifikat hija veritiera u korretta. Illi jirrizulta car li din id-dikjarazzjoni fuq ic-certifikat ipprezentat mill-kumpanija intimata ma kinitx iffirmata mill-esportatur. Ghalhekk l-imsemmi certifikat ma kienx validu sabiex jintuza mill-importazzjoni in kwistjoni u b'rizultat ta' dan il-kumpanija intimata ma setghetx tibbenefika minn rati preferenzjali;*

*b. Illi peress li l-prodott kif deskritt fid-dikjarazzjoni tad-Dwana imsemmija aktar' l fuq u cioe' bread dough fat li ghandu HS numru 1511909900 seta' jigi importat bir-rata ta' dazju* ***preferenzjali ta' 3.1%*** *diment li ikun akkompanjat minn Certificate of Origin* ***validu*** *ghall-istess merkanzija, li kif irrizulta mhux il-kaz odjern peress li l-imsemmi Certifikat ma kienx iffirmat mill-esportatur.*

*3. Illi ghalhekk peress li fil-kaz tal-importazzjoni in ezami, l-imsemmi Certificate of Origin* ***ma kienx validu****, allura l-kumpanija intimata giet mitluba thallas bir-rata* ***normali ta' dazju cioe' dik ta' 9%*** *minflok dik ta' 3.1%. Effettivament, l-esponent qed jitlob din id-differenza bejn 3.1% u 9% ikkalkolat fuq il-valur tal-fattura li tkopri il-merkanzija in kwistjoni u li tammonta ghal LM501 ekwivalenti ghall-ammont ta' (€1167.00) elf, mija u seba' u sittin ewro.*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tal-kumpanija rikorrenti; bl-ispejjez kontra taghha. "*

**Maurice Cini** xehed fit-12 ta' Dicembru 2012 fejn iddikjara li kien jahdem mas-socjeta' rikorrenti Golden Harvest Manufacturing Company Limited u kien responsabbli ghal importazzjoni tal-materja prima tal-kumpanija kif ukoll importazzjoni tal-makkinarju. Huwa kkonferma li s-socjeta' rikorrenti kienet irceviet ittra ufficjali minghand l-intimat, id-Direttur Generali tad-Dwana in konnessjoni ma' xi hlas ta' dwana fuq importazzjoni ta' *bread dough fat*. Ix-xhud esebixxa kopja ta' din l-ittra ufficjali li l-Qorti mmarkat bhala dokument Z. Ma' din l-ittra ufficcjali rcevew ukoll *post entry*. Huwa stqarr li dan il-prodott imsemmi fl-ittra ufficcjali gie mpurtat fl-2006 u li din ma kinitx l-ewwel darba li huma mportaw dan it-tip ta' *bread dough fat.* Fil-fatt fis-sena 2005 kellhom ukoll importazzjoni simili. Pero' meta huma mpurtawh fis-sena 2005, id-dwana kienet taghtu klassifika differenti. Huwa esebixxa dokument Z1, li hija l-klassifikazzjoni li saret mill-analista tad-Dwana

rigwardanti l-prodott li huma dahhlu. Hawnhekk hawn zewg klassifikazzjonijiet ta' zewg *bread dough fat* b'*melting points* differenti. Hu spjega li wahda minnhom giet klassifikata mill-laboratorju li ghandha tithallas tariffa ta' 11.2% u fuq l-ohra giet klassifikata mill-istess laboratorju, u li ghandha tariffa ta' 3.1%.

Huwa sostna li effettivament il-*bread dough* li giet impurtata fis-sena 2006, hija simili ghat-tieni klassifikazzjoni u ghalhekk kellha tinhadem fuq tariffa ta' 3.1%. Huma fil-fatt fl-2006 kienu mportaw id-*dough fat*, klassifikata bit-tariffa ta' 3.1%. Huma kienu prezentaw id-dokumentazzjoni bic-certifikati kollha u gew accettati u hallsu bir-rata ta' 3.1%. Sussugwentament wara li mportaw id-*dough fat* u hallsu bit-3.1% kienu rcevew *post entry* u gew mitluba sabiex ihallsu tariffa differenti b'rata aktar gholja. Huma kienu gew mitluba jhallsu tariffa ta' 12.9%.

In segwitu jghid li kien kiteb ittra lid-Direttur tad-Dwana fejn spjegalhom dak li huwa kien qed jghid prezenzjalment. Din l-ittra giet immarkata mill-Qorti bhala dokument Z2. Din l-ittra hija datata 14 ta' Marzu 2007, u fiha spjegazzjoni ghaliex effettivament dak li kienu qed jghidu dwar it-tariffi ma kienx korrett. Wara din l-ittra ma rcieva xejn aktar minghand l-intimat, salv l-ittra ufficcjali li hi mmarkata bhala dokument Z.

Sostna li meta huma impurtaw il-merkanzija fis-sena 2006 huma kienu hallsu bit-3.1% u hadd ma' qalilhom li d-dokumentazzjoni li tawhom ma kienux tajbin. Is-soltu meta jkun hemm xi certifikat li ma jkunx in linea ma' dak li qed jigi rikjest minnhom, jitolbu depozitu u kjarezza biex jaghtuh is-suppliers, jaghtihom certifikat lura u jergghu jibghatuh lura lid-dwana u jkollhom perjodu ta' zmien biex jirregolaw ruhhom. Huwa ikkonferma li f'dan il-kaz huma qatt ma' kellhom xi talba simili. Meta huma hallsu 3.1%, dan kien id-duty nett li kellhom ihallsu u gie accettat. Huwa spjega li meta tissottometti dokumentazzjoni lid-Dwana, ikun hemm il-fattura li tigi supplita mis-supplier, ikun hemm ic-certifikat li jikkwalifika taht il-*preferential rate*, ikun hemm il-*packing list,* u jista' jkun tigi mitlub

sabiex issir specification tal-prodott. Fil-fatt dawn huma id-dokumenti li huma kienu issottomettew. Dawn jinsabu inseriti fl-atti a fol 10 et seq immarkati bhala dokument KD1, KD2 u KD3.
In kontro-ezami x-xhud saritlu referenza ghad-dokument KD3 esebit fl-atti a fol 15, u ghall-kolonna numru 12, *declaration by the exporter* u din hija ffirmata mill-persuna bl-isem Sharjah. Huwa qal li l-original tad-dokument KD3 jinsab ghand id-Dwana. Fuq dan id-dokument li hemm ezebit fl-atti qed jara li hemm firma ta' xi hadd Sharjah.

**Maurice Cini rega** xehed fit-23 ta' Jannar 2013 fejn iddikjara li b'referenza ghall-ahhar paragrafu u cioe' fejn sar il-kontro ezami fix-xhieda tieghu precedenti fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2012 fejn qal li huwa kien qed jaghraf il-firma ta' persuna Shaham fuq il-kolonna numru 12 huwa stqarr li huwa jidhirlu li l-firma hija ta' Sharjah huwa jghid li din hija firma zgur.

Ix-xhud gie muri dokument li huwa *certificate of origin* esebit fl-atti, li huwa l-original tad-dokument KD3 esebit fl-atti. Huwa qal li fuq dan id-dokument hemm firma taht *declaration by the exporter* u hemm ukoll firma taht il-kaxxa intitolata *certification*. Dan il-prodott ma kienx l-ewwel darba li huma importawh. Huwa tenna li d-dwana ghandhom dokumentazzjoni simili fuq shipments ta' qabel. Meta huwa qal li taht il-firma tad-*declaration by the exporter* hemm speci ta' cirku, din ghalih hija firma. Ix-xhud spjega li dan id-dokument qed jigi esebit minn dan il-board li johrog ic-*certification* u fuq dan id-dokument hemm it-timbru kif ukoll il-firma tal-United Arab Emirates, datat 25 April 2006. Ghalhekk ix-xhud ried ifisser li din il-firma qieghda tissustanzja li fuq naha tal-lemin ta' dan l-istess dokument kien hemm firma ghax kieku, il-United Arab Emirates ma kinitx tiffirma dan id-dokument. Ghat-tielet darba huwa jghid li ghalih din il-firma hija l-firma tal-esportatur. Fid-dokument originali esebit illum hemm miktub Sharjah UAE u data. It-timbru huwa Sharjah u mhux il-persuna li x-xhud kien jikkorespondi maghha Shaham.

**Gianella James** xehdet fl-20 ta' Marzu 2013 u ddikjarat li hija tokkupa l-kariga ta' fizjal tad-Dwana u fiz-zmien tal-kwistjoni mertu tal-kawza kienet tahdem fis-sezzjoni tal-*verification* fejn kienet tezamina dokumenti li jkunu ghaddew fuq il-*green.* Ix-xhud ghamlet referenza ghal certifikat esebit fl-atti li jinsab fil-plastik u ddikjarat li dakinhar hija kienet ghamlet *query* fuqu ghax *box 12* kien hemm firma nieqsa li hija dik tas-supplier u kienet ghamlitlu post *entry* sabiex ihallas id-dazju li ma kienx hallas qabel ghax f'dak ic-certifikat ikun hallas b'rata inqas.

In segwitu li kienet irceviet id-dokumentazzjoni minghand is-socjeta' rikorrenti, ix-xhud kienet cemplet lill-analista tad-Dwana jew il-BTR u kien bidillu t-tariffa. Mistoqsija jekk kienx hemm xi prassi li huma jaghmlu xi marka dwar in-nuqqas qalet li illum il-gurnata insiet ghax ilu seba' snin. Hija kienet qalghet transfer u dawk id-dokumenti gew invistati minn haddiehor. Hija kienet qalghet tranfser fi Frar 2007 u ghalhekk il-*query* li ghamlet bilfors li kienet saret qabel. Il-*post entry* setghet saret fl-2006. Il-*query* taghha kienet ghax kien hemm nuqqas ta' firma. Sussugwentement indunat li kien hemm tariffa hazina u gew kombinati t-tnejn.  Hija sostniet li dan id-dokument darba ratu. Qabel is-sena 2007 ix-xhud kienet diga qajmet il-kwistjoni li ma kienx hemm firma u kienet imliet *post entry claim*. Sussegwentament id-differenza trid tithallas skond din il-formola. Hija ddikjarat li ma ghamlitx firma fuq ic-certifikat. Ix-xhud kienet tat *hand over* u ghalhekk id-dokumentazzjoni in kwistjoni giet murija minn diversi nies ohrajn.

Ix-xhud spjegat li s-sezzjoni taghhom kienet meta l-merkanzija kienet tkun diga' giet rilaxxata. Id-dokumenti jigu ghandha wara. Mistoqsija meta rat xi dokumenti qalet li ma tafx ezattament pero' zgur li wara li tkun giet rilaxxata l-merkanzija.

**David Sciberras** ghan-nom u in rapprezentanza tad-Direttur tad-Dwana xehed fl-20 ta' Marzu 2013 u ddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' *customs officer* mad-Dwana. Dan  il-kaz jikkoncerna importazzjoni ta' *bread dough fat* li

saret mis-socjeta' rikorrenti u kienet qamet *query* dwar certifikat li kien gie prezentat mill-istess socjeta'. Dan ic-certifikat gie indikat li kellu firma nieqsa wara li l-istess certifikat mar quddiem il-*verification section*. Mistoqsi mill-Qorti jekk huma jirrilaxxawx merkanzija qabel ma jivverifikaw id-dokumentazzjoni tal-merkanzija qal li iva f'hafna kazi hekk isir. Dan peress li whud minn dawn il-*consumables* ikollhom *shelf life* qasira.

Ix-xhud spjega li f'dan il-kaz ix-xoghol gie rilaxxat u meta saret il-verifikazzjoni ta' *certificate of origin* saru jafu li kien hemm firma nieqsa u ghalhekk id-deskrizzjoni tal-affarijiet li kien hemm go fih ma kienu gew awtentikati minn hadd. Ghalhekk din l-importazzjoni ma kienitx tikkwalifika ghal dazju preferenzjali. Dan irrizulta mill-file li kienet saret *post entry* lill-Golden Harvest fis-27 ta' Novembru 2007. Fil-fatt kienu baghtulhom u ma hallsux u sussugwentament saret ittra ufficcjali. Huwa tenna li kontra regola ta' importazzjoni b'mod partikulari l-artikolu erbgha (4) sub section hamsa (5), hemm perjodu ta' sitt snin ta' meta t-taxxa tkun dovuta. Is-sitt snin bdew jiddekorru minn meta ghamlu il-*post entry* fis-27 ta' Novembru 2007. Naturalment id-dipartiment irid jigbor il-flus li ghadhom ma ngabrux u 75% dovuti minn dawn il-flejjes huma dovuti lill-Unjoni Ewropea.

Huwa sostna li d-dokument li ghandu tnax-il kaxxa irid jigi mimli kollu u fejn hemm it-tnax-il kaxxa suppost li kien hemm timbru u firma mill-esportatur biex jawtentika l-oggett li qed jigi importat. Hija l-prassi li s-soltu fejn ikun hemm dan in-nuqqas jigi mmarkat. Dan sabiex mad-daqqa t'ghajn tkun taf fejn hemm in-nuqqas. Huwa ma jafx jekk effettivament kien hemm *post entry* ohra fuq dan ic-*certificate of origin*, apparti dak li xehed dwaru, cioe' dak tas-27 ta' Novembru 2007. Ix-xhud esebixxa kopja ta' din il-*post entry* li giet immarkata bhala Dokument Z. Huwa kkonferma li f'dan il-*post entry* ma hemmx imsemmi li ma kienx hemm firma fil-*box number 12*, fic-*certificatem of origin*. Hawnhekk hawn miktub li c-*certificate of origin* maghruf bhala *General System of Preferences* kien invalidu skond ir-remarki fid-Dokument Z. Il-GSP naturalment hija differenti mit-*taric code*. Ix-xhud qal li

jista' jkun li kien hemm xi korrespondenza bejn is-socjeta' rikorrenti u huma li ma kienx hemm qbil dwar it-*taric code*. Pero' l-kaz in kwistjoni jikkoncerna l-invalidita' tal-*General System of Preference*.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm xi korrespondenza jew dokumentazzjoni dwar l-allegat nuqqas ta' GSP qal li ma jafx dwar dan u huwa ma jafx jekk hemmx fil-file. Pero' ma jidhirlux li saret xi korrespondenza estera. Fuq il-*box 11* hemm il-firma tal-awtorita' kompetenti ta' barra u fil-*box 12* ma hemmx firma. Hemm marka tonda u speci ta' timbru pero' firma ma hemmx. Fil-fatt it-timbru huwa dak tad-Dwana ta' Malta. Naturalment ir-responsabilta' li c-certifikat ikun kif rikjest mil-ligi hija tal-importatur. Huma setghu jattiraw l-attenzjoni tal-importatur li c-certifikat ma kienx in regola, pero' l-*post clearance* gie notifikat lill-Golden Harvest.

Ikkunsidrat.

B'ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 10 ta' Settembru 2012, il-Kontrollur tad-Dwana interpella lis-socjetà rikorrenti sabiex thallas is-somma ta' €1,167, rapprezentanti hlas ta' dazju fuq bread dough fat impurtat mis-socjeta' rikorrenti permezz ta' dokument TDID 2006600391157 skont post entry datat 27 ta Novembru 2007 anness mal-istess ittra ufficcjali. B'rikors ipprezentat fit-3 ta' Ottubru 2012 is-socjetà rikorrenti ikkontestat t-talba ghall-hlas tal-Kontrollur tad-Dwana u talbet li l-istess tigi dikjarata nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li preliminarjament it-talba ghall-hlas hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(g) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-mertu, li qed tigi mitluba thallas skond taric code differenti u ghalhekk id-dazju li kien dovut kien f'ammont inferjuri.

L-intimat minn naha tieghu qed jikontesta din it-talba u dan ghaliex primarjament l-azzjoni mhix preskritta u in oltre fil-mertu isostni li d-dazju kif mitlub huwa dovut u dan skond l-post entry li kienu ghamlu fis-27 ta' Novembru 2007.

Bhala fatt jirrizulta li is-socjeta' rikorrenti kienet impurtat dan il-bread dough fat fis-sena 2006 u kienu gew mitluba ihalsu id-dazju skond it-tariffa ta' 3.1% kif del resto kienu halsu ghas-sena precedenit. Illi wara pero' gew mitluba ihalsu aktar dazju ghal din l-istess importazzjoni u dan skond tariff ta' 12.9%. Is-socjeta' rikorrenti ghalhekk kienet kitbet l-ittra taghha esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok Z2 a fol 26 fejn gie registrat l-opposizjoni taghhom. Illi in segwitu pero' l-intimat ma regax intima lir-rikorrenti ghal hlas salv meta baghat l-ittra ufficcjali esebita fl-atti u mmarkata bhala dok Z datata 10 ta' Settembru 2012. Bhala fatti dawn ma jidhrux kontestati ghalkemm il-partijiet isostnu termini differenti ghal preskrizzjoni.

Is-socjeta' rikorrenti teccepixxi il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (g) tal-16 tal-Ligijiet ta Malta li jiddisponi is-segwenti:

**2156. "***L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin*

*(g) salv kif provdut f'xi liġi speċjali, l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta, għall-ħlas ta' drittijiet ġudizzjarji, dazji jew taxxi oħra".*

L-intimat pero' jghid li tali azzjoni semmai hija preskritta bil-ligi specjali u cioe' bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 4(5) tal-Kap 337** tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi is-segwenti:

(5) "*Fejn xi dazji ta' importazzjoni li jridu jitħallsu fuq oġġetti taħt dan l-artikolu ma jkunux ġew miġbura, l-ammont li jkun għadu jrid jitħallas għandu jibqa' dovut għal perijodu ta' sitt snin mill-punt ta' taxxa kif definit fl-artikolu 12A ta' dan l-Att u l- Kummissarju jkollu dritt li jitlob il-ħlas ta' dak l-ammont matul il-perijodu msemmi:*

*Iżda, minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, il-Kummissarju m'għandux jitlob il-ħlas ta' dak l-ammont meta huwa jkun sodisfatt li l-oġġetti ġew spezzjonati sew mill-uffiċjal li għamel ir-rilaxx u li ġew hekk rilaxxati minnu u li l-valur ta' dawk l-oġġetti kien dikjarat sewwa,*"

Issa jirrizulta minn ezami tad-disposizzjoni tal-Artikolu 12A subinciz (b) tal-Kap 337 tal-Ligijiet ta’ Malta li meta d-dazju ta’ importazzjoni ikun thallas a bazi ta’ polza li ma tkunx perfetta, d-dazju ikun dovut fil-hin li dik il-polza tigi emendata u accettata bhala perfetta ghas-sodisfazzjoni tal-Kummissarju.

Huwa principju stabbilit illi l-*lex specialis* tista’ tidderoga mir-regoli tal-*lex generalis* u f’certi kazijiet bhalma huma dawk kontemplati fil-Kapitolu 337 jew 401 u ghalhekk zgur li l-legislatur jew lil min gie delegat bil-kompitu jista’ jimponi terminu differenti minn dak li timponi l-ligi generali. M’hemmx dubbju li f’kaz bhal dan ghandha tapplika il-ligi specialis u mhux dik generalis.

Jirrizulta fil-kaz in esami li l-polza kif prezentata mir-rikorrenti ma kinitx giet accettata mill-Kummissarju tant li hareg post entry datata 6 ta’ Dicembru 2006 (vide Dok Z2) fejn id-dazju gie kalkolat fuq taric code differenti. Dwar dan ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni ghaliex bhala fatt din l-informazzjoni tohrog mill-ittra mibghuta mir-rikorrenti stess lill-intimat nhar l-14 ta’ Marzu 2007.

Illi ghalhekk is-sitt snin ghandu jibda jiddekorri minn dak in-nhar tas-6 ta’ Dicembru 2006. Jidher li bejn din il-post entry u l-ittra ufficcjali datata 10 ta’ Settembru 2012 ma hemm l-ebda att gudizzjarju iehor li seta’ jinterrompi il-preskrizzjoni. Ghalhekk jirrizulta li effettivament il-perijodu ta’ sitt snin ma kienx ghadu ghadda ghaliex kien jiskadi tlett xhur wara u cioe f’ Dicembru 2012.

Illi ghalhekk il-premessa dwar l-preskrizzjoni kif sollevata mir-rikorrenti qed tigi michuda.

Illi dwar il-mertu l-Qorti ma thossx li r-rikorrenti ressaq xi prova konkreta sabiex jipperswadi lill-Qorti tasal ghal konkluzjoni li t-taric code referuta mill-intimat fil-*post entry* tieghu mhix korretta. Illi s-socjeta’ rikorrenti tallega li fil-passat hija kienet diga’ ghamlet xi importazzjoni ta’ materja simili u kienet halset id-dazju skond tariff izghar u kien ghalhekk li kienet qed tikkonstesta dan il-hlas pero’

tali allegazzjoni maghmula minnha ma gietx provata lanqas remotament.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tichad it-talbiet rikorrenti u qieghda ghalhekk tiddikjara li t-talba kontenuta fl-ittra ufficcjali tal-intimat numru 2347/12 mhix infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk tichad it-talba sabiex tordna lill-intimat sabiex jiddesisti milli jipprocedi bil-mandat ezekuttiv kontra s-socjeta' esponenti.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza a karigu tas-socjeta' rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------